FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 1 ta' Marzu 2017

Il-Pulizija
(Spett Priscilla Caruana)

Vs

Philip Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat detentur tal-karta tal-identita numru 30858M akkuzat talli fil-11 ta' Marzu 2011 ghall-habta tat-0830hrs gewwa numru 37, Triq il-Bali Guareni, Qrendi:

1. volontarjament ta'n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew lok iehor, u cioe', residenza numru 37, Triq il-Bali Guarena, Qrendi, meta hemm gew kien hemm persuna filwaqt tal-hruq;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fl-imsemmija residenza, liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69)imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Victoria Zammit;

Talli fil-11 ta' Marzu 2011 ghal-habta tal-1030hrs gewwa ghalqa fi Sqaq nru 2, Bali Guarena, Qrendi:

3. volontarjament ta' n-nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, gharix jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna;
4. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D nhar il-11 ta' Frar 2011, f'dan illi kkommetta delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost kundizzjonijiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 579 (2)(3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Philip Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid tal- imsemmi imputat kid ukoll tordna li s-somma ta' €5,000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat fl-udjenza qabel din tal-lum jirregistra ammissjoni li baqa' sostniha anka wara li l-Qorti tahtu hin jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Illi kontra l-imputat odjern din il-Qorti gja ggudikatu illum stess fuq akkuza li kienet qeghdha tixlih li ta n-nar lill-propjeta' fl-istess triq, fl-liema triq huwa wkoll jirrisjedi flimkien ma' martu u zewg guvintur li huma maggorenni.

Illi huwa konstatabbli u jirrisulta wisq car li l-imputat ibati minn kundizzjoni mentali u kien u ghadu taht kura psikjatrika.

Huwa konstatabbi wkoll li din il-kawza tipprecedi il-kawza l-ohra b'sentejn circa u li sostanzjalment u principalment titratta akkuza li appiccika nar lil residenza.

Issa, il-fatti li jikkaretterizzaw l-odjerni proceduri huma ben spiegati mix-xhieda ta' Victoria Zammit (folio 20 et seq), Ps850 (fol. 24 et seq) fir-rigward in-nar li sehh fil-fond tal-imsemmija Zammit, cioe' numru 37, Triq Bali Guarena, Qrendi u l-ghalqa retroposta.

Illi l-imputat ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huwa akkuzat ta':

i. Attentat hruq b'perikolu tal-hajja fis-sens li jekk setra jobsor li f'dak il-waqt gewwa l-fond kien hemm xi persuna –Artikolu 316 proviso (a) Kap 9;

ii. Ta' hsara volontarja li tiskorri €2500 – Artikolu 325(1)(b) Kap 9;

iii. Bi hruq li ma qabadtx bini, gharix jew lok iehor;

iv. Bi ksur tal-liberta kondizjonata.

Intant, l-Qorti li kella l-opportunita' tevalwa l-imputat ghal dawn is-snin kollha (circa sitta) li ilha pendent l-kawza u setghet ghalhekk tikkonstata 'de viso' l-istat tieghu, konsidrat ukoll l-perjodu li ghamel inkarcerat fil-proceduri l-ohra hi tal-fehma li l-piena l-aktar konfacjenti ghall-kaz huwa li tapplika l-Artikolu 412 tal-Kap 9 abbinat mal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta' trattament taht il-kura tat-Tabib Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino.

A.M.Trigona

Magistrat